32005R0488

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 488/2005

tal-21 ta' Marzu 2005

dwar l-onorarji u l-ħlasijiet lill-Agenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni civili u li jistabblixxi Agenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53, paragrafu 1 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-bord tat-tmexxija ta' l- Agenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-dħul ta' l-Agenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) jiġi minn kontribuzzjoni mogħtija mill-Komunità u minn kull pajjiż terz Ewropew li jipparteċipa fl-atti ta' ftehim imsemmija fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, mill-ħlasijiet magħmula mill-applikanti għaċ-ċertifikati u l-permessi mogħtija, miżmuma fis-seħħ jew immodifikati mill-Aġenzija, u mill-onorarji għall-pubblikazzjonijiet, it-trattament ta' appelli, it-taħriġ u kull servizz ieħor mogħti mill-Aġenzija.

(2) Id-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija jridu jkunu bbilanċjati.

(3) L-onorarji u l-ħlasijiet li dwarhom jittratta dan ir-Regolament huma esklussivament mitluba u rikjesti mill-Aġenzija, fil-munita Euro. Iridu jkunu stabbiliti b'mod trasparenti, ekwu u uniformi.

(4) Il-ħlasijiet rikjesti mill-Aġenzija ma għandhomx jikkompromettu l-kompetittività ta' l-industriji Ewropej ikkonċernati. Barra minn hekk, iridu jkunu msejsa fuq qies xieraq ta' kemm jifilħu jħallsu l-intrapriżi ż-żgħar. Ukoll, il-lok ġeografiku ta' l-intrapriżi fit-territorji ta' l-Istati Membri ma għandux ikun fattur ta' diskriminazzjoni.

(5) L-applikant irid jiġi mgħarraf, kemm jista' jkun, bl-ammont li jkun previst li jrid iħallas għas-servizz li se jingħatalu u bil-modalitajiet tal-ħlas minn qabel ma jibda t-twettiq ta' dan is-servizz. Il-kriterji li fuqhom jiġi stabbilit dan l-ammont iridu jkunu ċari, uniformi u pubbliċi. Fil-każ li ma jkunx possibbli li dan l-ammont jiġi stabbilit minn qabel, l-applikant irid jiġi mgħarraf b'dan qabel il-bidu tat-twettiq tas-servizz. F'dan il-każ, metodi ċari għall-kalkolu ta' l-ammont li jrid jitħallas pass pass mat-twettiq tas-servizz iridu jkunu miftiehma qabel ma jibda dan it-twettiq.

(6) L-ammont tal-ħlas li jrid isir mill-applikant jirrifletti l-kumplessità tal-ħidma mogħtija mill-Aġenzija u l-entità tax-xogħol li tkun tinvolvi.

(7) L-industrija għandha tgawdi minn viżibilità finanzjarja tajba u għandha tkun tista' taħseb bil-quddiem għall-ħlasijiet li tkun trid tagħmel. Fl-istess waqt, jeħtieġ li jinżamm l-ekwilibriju bejn in-nefqa globali ta' l-Aġenzija fl-operat tagħha ta' ċertifikazzjoni u l-ammont totali tal-ħlasijiet li huma dovuti lilha. Fuq il-bażi tar-riżultati finanzjarji u tal-previżjonijiet ta' l-Aġenzija, għandu għalhekk ikun possibbli li ssir reviżjoni kull sena tar-rati ta' ħlasijiet.

(8) Il-miżuri li dwarhom jiddisponi dan ir-Regolament huma konformi mal-fehma tal-kumitat stabbilit mill-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Dan ir-Regolament japplika għall-onorarji u l-ħlasijiet dovuti lill-Agenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) bi tpattija għas-servizzi li tagħti, fosthom il-provvista ta' oġġetti.

Jiddetermina b'mod partikolari l-każijiet li fihom jiġu dovuti l-onorarji u l-ħlasijiet imsemmija fl-Artikolu 48, paragrafu 1, tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, l-ammonti ta' dawn l-onorarji u ħlasijiet u l-modalitajiet ta' kif isir il-ħlas.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawn li ġejjin ifissru:

a) "onorarji": ammonti ta' flus rikjesti mill-Aġenzija u dovuti mill-applikanti li jgawdu mis-servizzi, minbarra l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, mogħtija mill-Aġenzija;

[1] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Regolament emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1701/2003 tal-Kummissjoni (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

b) "ħlasijiet": ammonti ta' flus rikjesti mill-Aġenzija u dovuti mill-applikanti għall-għoti, iż-żamma fis-seħħ jew il-modifika taċ-ċertifikati u l-permessi msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 li jinħarġu, jinżammu fis-seħħ jew jiġu mmodfikati mill-Aġenzija;

c) "operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni", l-azzjonijiet kollha meħuda mill-Aġenzija direttament jew indirettament, bil-ħsieb ta' l-għoti, iż-żamma fis-seħħ u l-modifika taċ-ċertifikati u l-permessi msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002;

d) "applikant", kull persuna fiżika jew ġuridika li titlob li tibbenefika minn servizz mogħti mill-Aġenzija, fosthom iż-żamma fis-seħħ jew il-modifika ta' ċertifikat jew ta' permess;

e) "spejjeż diretti", l-infiq fuq il-pagi tal-membri ta' l-istaff direttament involuti fl-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni kif ukoll l-ispejjeż tat-trasport ta' dawn il-membri ta' l-istaff fil-kuntest ta' l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni;

f) "spejjeż speċifiċi", il-konċessjonijiet imħallsa lill-membri ta' l-istaff għall-alloġġ, l-ikel, l-ispejjeż inċidentali u t-trasport fil-kuntest ta' l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni;

g) "spejjeż indiretti", is-sehem ta' l-infiq ġenerali ta' l-Aġenzija li jkun relatat mat-twettiq ta' l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, fosthom dawk ikkawżati mill-iżvilupp ta' parti mill-materjal regolatorju;

h) "spiża reali", l-infiq attwalment magħmul mill-Aġenzija;

i) "materjal regolatorju", id-dokumentazzjoni kollha stabbilita mill-Aġenzija fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 14 paragrafu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

KAPITOLU II

ONORARJI

Artikolu 3

L-Aġenzija tirċievi onorarji għas-servizzi kollha tagħha, fosthom il-proviżjon ta' oġġetti, mogħtija lill-applikanti, minbarra:

a) l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni;

b) it-trasmissjoni tad-dokumenti u t-tagħrif, fi kwalunkwe forma, fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1];

c) id-dokumenti li huma disponibbli bla ħlas mis-sit ta' l-Internet ta' l-Aġenzija.

L-Aġenzija teżiġi wkoll onorarji jekk isir appell kontra xi waħda mid-deċiżjonijiet tagħha skond l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

Artikolu 4

1. L-ammont ta' l-onorarji li jitħallsu lill-Aġenzija jkun daqs l-ispiża reali tas-servizz li jkun ingħata, inkluża dik involuta fit-tqegħid tas-servizz għad-dispożizzjoni ta' l-applikant.

2. L-onorarji li jkunu dovuti fl-introduzzjoni ta' appell skond l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jieħdu l-forma ta' somma fissa li l-ammont tagħha huwa ppreċiżat fl-Anness. Jekk il-proċedura ta' l-appell tinqata' favur l-applikant, din is-somma fissa tiġi awtomatikament rifuża mill-Aġenzija lill-persuna kkonċernata.

3. Is-somma ta' l-onorarji tiġi espressa fil-munita Euro. L-applikant jiġi mgħarraf biha qabel ma jibda jingħata s-servizz, kif ukoll bil-modalitajiet tal-ħlas ta' l-onorarji.

Artikolu 5

L-onorarji huma dovuti mingħand l-applikant, jew skond il-każ, mingħand l-appellant.

Huma dovuti fil-munita Euro.

Ħlief fil-każ ta' stipulazzjoni kuntrattwali mod ieħor, l-onorarji jridu jitħallsu qabel ma jingħata s-servizz, jew, skond il-każ, qabel ma tinbeda l-proċedura ta' l-appell.

KAPITOLU III

IL-ĦLASIJIET

Artikolu 6

1. Il-ħlasijiet jassiguraw dħul globali li jkun biżżejjed sabiex ikopri it-totalità ta' l-ispejjeż, diretti, indiretti u speċifiċi, ikkawżati minn operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, fosthom l-ispejjeż ikkawżati mill-monitoraġġ kontinwu li jkun marbut magħhom.

2. Fid-dħul u l-infiq tagħha, l-Aġenzija trid tiddistingwi dawk li jkunu marbuta ma' l-operazzjonijiet tagħha ta' ċertifikazzjoni.

Għal dan il-għan:

a) il-ħlasijiet rikjesti mill-Agenzija bi tpattija għall-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni jsiru f'kont distint u jkunu suġġetti għal kontabilità distinta;

b) l-Aġenzija tistabbilixxi kontabilità analitika, tad-dħul u ta' l-infiq tagħha. Għal kull nefqa minn fost dawk li huma elenkati fin-nomenklatura tal-baġit, tintuża skala ta' tqassim sabiex jiġi ddeterminat is-sehem minn dik in-nefqa li jrid jiġi allokat lill-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni.

[1] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

3. Il-ħlasijiet ikunu l-oġġett ta' stima globali proviżorja fil-bidu ta' kull sena finanzjarja. Din l-istima tinħadem fuq il-bażi tar-riżultati finanzjarji preċedenti ta' l-Aġenzija, l-estimi ta' l-infiq u d-dħul tagħha u tal-pjan proviżorju ta' ħidma tagħha

4. Sabiex tiġi evitata kull diskriminazzjoni bejn l-intrapriżi fit-territorji ta' l-Istati Membri, l-ispejjeż tat-trasport marbuta ma' l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li jsiru għal dawn l-intrapriżi jintgħaddu flimkien u jinqasmu ndaqs bejn l-applikanti.

5. L-Anness jerġa' jiġi kkunsidrat, u rivedut fejn ikun meħtieġ, fi żmien 14-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan il-perjodu, jista' jiġi rivedut kull sena.

L-ammonti u l-koeffiċjenti li jidhru fl-Anness jiġu ppubblikati wkoll fil-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-Aġenzija.

Artikolu 7

Il-ħlasijiet jikkonsistu f'wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:

a) Parti fissa, li l-ammont tagħha jvarja skond il-kumplessità tal-ħidma li tkun twettqet mill-Aġenzija; il-valuri differenti tal-partijiet fissi u tal-koeffiċjenti li jaffettwawhom jidhru fl-Anness.

b) Parti varjabbli li tkun proporzjonali għall-entità tax-xogħol rilevanti, espressa bħala għadd ta' sigħat ta' xogħol immultiplikati b'rata ta' kull siegħa kkalkulati skond l-Artikolu 9 (2); l-ammont ta' rata ta' kull siegħa huwa ppreċiżat fl-Anness.

c) L-ammont ekwivalenti għall-ispejjeż speċifiċi ta' operazzjoni ta' ċertifikazzjoni, li jridu jintraddu għal kollox skond in-nefqa reali li tkun saret.

Artikolu 8

1. Il-ħlasijiet huma stabbiliti b'tali mod li:

$$\Sigma R = x D$$

Jew:

ΣR = is-somma annwali tal-ħlasijiet dovuti lill-Aġenzija

D = l-infiq annwali li jidher fil-baġit ta' l-Aġenzija

x = il-perċentwal ta' l-infiq annwali li huwa direttament jew indirettament ikkawżat mill-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni.

2. Matul il-perjodu tranżitorju msemmi fl-Artikolu 53, paragrafu 4, paragrafu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, parti mill-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 48(1)(a) ta' l-imsemmi Regolament tista' tintuża, f'każ ta' bżonn, sabiex tkopri l-infiq magħmul mill-Aġenzija għal operazzjonjiet ta' ċertifikazzjoni. F'dan il-każ, waqt dan il-perjodu, il-ħlasijiet huma stabbiliti b'tali mod li:

$$\Sigma R = x D - C_p$$

Jew:

C_p = parti mill-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 48 (1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 li tkun utilizzata sabiex tiffinanzja operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni mwettqa mill-Aġenzija.

Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2008 'il quddiem, $C_p = 0$.

Artikolu 9

1. L-ammont tal-ħlasijiet jiddependi mill-kumplessità ta' l-operazzjoni ta' ċertifikazzjoni u l-entità tax-xogħol rilevanti. Huwa ddeterminat skond il-formola li ġejja:

$$R = F + (nh * t) + S$$

Jew:

R = il-ħlas dovut

F = il-parti fissa, skond in-natura ta' l-operazzjoni mwettqa (ara l-Anness)

nh = l-għadd fatturat ta' sigħat (jekk applikabbli, ara l-Anness)

t = ir-rata ta' kull siegħa (jekk applikabbli, ara l-Anness)

S = spejjeż speċifiċi.

2. Ir-rata ta' kull siegħa (t) tiġi ddeterminata skond l-infiq annwali globali fuq il-pagi tal-membri ta' l-istaff ta' l-Aġenzija li huma direttament involuti fl-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni. Hija kkalkulata skond il-formola li ġejja:

$$t = Cs/N$$

Jew:

Cs = l-ispiża globali annwali fuq il-pagi (pagi, kontribuzzjonijiet għall-pensjoni u kontribuzzjonijiet soċjali) tal-membri ta' l-istaff ta' l-Aġenzija direttament involuti f'operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni

N = l-għadd annwali totali tas-sigħat ta' xogol tal-membri ta' l-istaff ta' l-Aġenzija li huma direttament involuti fl-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni.

Artikolu 10

Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, meta operazzjoni ta' ċertifikazzjoni titwettaq għal kollox jew parzjalment barra mit-territorji ta' l-Istati Membri, l-ispejjeż tat-trasport lil hinn minn dawn it-territorji jiddaħħal fil-fatturat tal-ħlas dovut mill-applikant. Għal din l-operazzjoni, jew parti minn operazzjoni, l-ammont tal-ħlas dovut jiġi ddtereminat permezz tal-formola:

$$R = F + (nh * t) + S + V$$

Jew:

R = il-ħlas dovut

F = il-parti fissa, skond in-natura ta' l-operazzjoni mwettqa (ara l-Anness)

nh = l-għadd fatturat ta' sigħat (jekk applikabbli, ara l-Anness)

t = ir-rata ta' kull siegħa (jekk applikabbli, ara l-Anness)

S = spejjeż speċifiċi

V = spejjeż addizzjonali tat-transport

L-ispejjeż addizzjonali tat-trasport fatturati lill-applikant huma komposti mill-ispejjeż reali tat-trasport lil hinn mit-territorji ta' l-Istati Membri u l-ħin li l-esperti jkunu għaddew matulu, li huwa fatturat bir-rata ta' kull siegħa.

Artikolu 11

Fuq it-talba ta' l-applikant, operazzjoni ta' ċertifikazzjoni tista' titwettaq b'manjiera partikolari jekk id-direttur eżekuttiv jaqbel li dan isir.

F'dan il-każ, l-operazzjoni ta' ċertifikazzjoni titwettaq kif ġej:

a) billi jiġu assenjati għall-operazzjoni membri ta' l-istaff ta' l-Aġenzija li normalment ma kinux jiġu assenjati għal dan li kieku l-Aġenzija kienet segwiet il-proċeduri tas-soltu tagħha, u/jew

b) billi jiġu assenjati riżorsi umani b'tali mod li l-operazzjoni titwettaq fi żmien iqsar milli jittieħed normalment skond il-proċeduri tas-soltu ta' l-Aġenzija.

F'dan il-każ, il-ħlas rikjest mill-Aġenzija jiżdied b'somma eċċezzjonali sabiex jitkoprew għal kollox l-ispejjeż li tkun għamlet l-Aġenzija sabiex tilqa' dik it-talba partikolari.

Artikolu 12

1. Il-ħlas huwa dovut mill-applikant. Jiġi rikjest fil-munita Euro.

2. L-għoti, iż-żamma fis-seħħ jew il-modifika ta' ċertifikat jew ta' permess isiru bil-kundizzjoni li l-ħlas dovut jitħallas kollu kemm hu. Fil-każ li l-ħlas ma jsirx, l-Aġenzija tista' tirrevoka ċ-ċertifikat jew il-permess ikkonċernat wara li formalment tkun wissiet lill-applikant.

3. L-iskala ta' ħlasijiet li tapplika l-Aġenzija, flimkien mal-modalitajiet tal-ħlas, jiġu mgħarrfa lill-applikanti hekk kif jagħmlu t-talba tagħhom.

4. Għall-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li jagħtu lok għall-ħlas ta' parti varjabbli, l-Aġenzija tagħti lill-applikant kwotazzjoni li l-applikant irid jaqbel magħha qabel ma jibda t-twettiq ta' l-operazzjoni rilevanti. L-Aġenzija tirrevedi din il-kwotazzjoni kemm-il darba jiġri li l-operazzjoni fil-fatt tkun aktar sempliċi u mgħaġġla fit-twettiq milli kien previst fil-bidu, jew, bil-maqlub, tkun aktar kumplessa u tieħu aktar fit-tul milli l-Aġenzija setgħet raġonevolment tipprevedi.

5. Għal operazzjonijiet li ma jagħtux lok għajr għall-ħlas ta' parti fissa, nofs din il-parti trid titħallas qabel il-bidu tat-twettiq ta' l-operazzjoni rilevanti, filwaqt li l-bqija titħallas meta jingħata ċ-ċertifikat jew il-permess.

6. Għall-operazzjonijiet li jagħtu lok għall-ħlas ta' parti varjabbli, 30 % ta' l-ammont totali tal-ħlas dovut (inkluż parti fissa li jista' jkun li trid titħallas) irid jitħallas qabel ma tibda l-operazzjoni rilevanti, u 40 % ta' dan l-ammont irid jitħallas pass pass mal-proċess tat-twettiq ta' l-operazzjoni, f'taqsimiet ta' kull tliet xhur. Il-bqija ta' 30 % jrid jitħallas meta jingħata ċ-ċertifikat jew il-permess.

7. Il-ħlasijiet marbutin maż-żamma fis-seħħ ta' ċertifikati jew permessi eżistenti jridu jitħallsu skond skeda ta' żmien stabbilita mill-Aġenzija u mgħarrfa lil dawk li jkunu ngħataw dawn iċ-ċertifikati jew permessi. Din l-iskeda ta' żmien tissejjes fuq l-ispezzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija sabiex tivverifika t-tkomplija tal-validità ta' dawn iċ-ċertifikati u permessi.

8. Jekk, wara l-ewwel eżami, l-Aġenzija tiddeċedi li ma tilqax it-talba, kull ħlas li diġà jkun sar jintradd lura lill-applikant, minbarra somma li tkopri l-ispejjeż amministrattivi ta' l-ipproċesar ta' l-applikazzjoni. Dan l-ammont huwa ekwivalenti għall-ħlas fiss D li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

9. Jekk operazzjoni ta' ċertifikazzjoni trid tiġi interrotta mill-Aġenzija minħabba n-nuqqas ta' mezzi ta' l-applikant, jew minħabba li dan ta' l-aħħar ma jaqdix l-obbligi li jkun daħal għalihom, il-bqija tal-ħlasijiet dovuti trid titħallas kollha kemm hi fil-mument li l-Aġenzija tieqaf mill-ħidma tagħha.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 13

Mill-1 ta' Ġunju 2005, il-ħlasijiet jintalbu u huma dovuti esklussivament lill-Aġenzija.

L-Istati Membri ma jirċievu l-ebda ħlas għal operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, lanqas meta huma jwettquhom f'isem l-Aġenzija.

L-Aġenzija tagħti rifużjoni lill-Istati Membri għall-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li dawn ta' l-aħħar iwettqu f'isimha.

Għal dawk l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni mwettqa mill-Istati Membri f'isem l-Aġenzija li jkunu għadhom għaddejjin fl-1 ta' Ġunju 2005, il-ħlasijiet jintalbu mill-Aġenzija b'tali mod li l-applikant fl-ebda każ ma jintalab li jħallas darbtejn għall-istess servizz.

Artikolu 14

Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u mhux aktar tard minn 30 jum qabel id-data ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 sa 13, l-Aġenzija tikkonferma bil-miktub lill-Kummissjoni li hija fil-qagħda li tieħu fuqha nnifisha l-obbligi f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari li tista' tikkalkola u toħroġ fatturati għassomom dovuti lilha mill-applikanti u li tagħti r-rifużjonijiet lill-Istati Membri.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1 sa 13 jibdew japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2005.

Dan ir-Regolament huwa obbligatorju fl-intier tiegħu u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Marzu 2005.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Membru tal-Kummissjon

ANNESS

WERREJ

i.	Ċertifikati tat-Tip u Ċertifikati tat-Tip Ristretti jew l-ekwivalenti tagħhom	13
ii.	Ċertifikati Supplementari tat-Tip	14
iii.	Bidliet u Tiswijiet kbar	15
iv.	Bidliet u Tiswijiet żgħar	17
v.	Miżata annwali għal min għandu Ċertifikat tat-Tip IASA u tat-Tip	18
vi.	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tad-Diżinn	19
vii.	Wirja ta' kapaċità għad-diżinjar permezz ta' proċeduri alternattivi	21
viii.	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni	21
ix.	Produzzjoni mingħajr approvazzjoni	22
x.	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni	22
xi.	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tat-Tkomplija tan-Navigabilità ta' l-Ajru	23
xii.	Miżati għall-aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet ekwivalenti għal approvazzjonijiet tal-Parti 145 skond l-atti ta' ftehim bilaterali	23
xiii.	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għat-Taħriġ fil-Manutenzjoni	24
xiv.	Appelli	25

Nota ta' spjegazzjoni

— Speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni (CS) imsemmija f'dan l-Anness huma dawk adottati skond l-Artikolu 14.2 tar-Regolament (EK) Nru 1592/2002 u ppubblikati fil-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-Agenzija skond id-Deċiżjoni ta' l-EASA 2003/8 tat-30 ta' Ottubru 2003 (www.easa.eu.int).

— Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness:

  — Il-"Valur tat-tagħmir", imsemmi fit-tabelli i, iii, iv u v jirreferi għall-prezz elenkat tal-manifattur rilevanti.

  — Il-"Valur ta' l-attivitajiet" imsemmi fit-tabelli vi, viii, x u xiii, ifisser: {numru ta' impjegati tekniċi attivi fl-organizzazzjoni strettament rilevanti għall-attività soġġetta għall-approvazzjoni} * {100*1 400 siegħa = € 140 000/impjegat attiv} sakemm l-applikant ma jipprovdix evidenza li għandha tkun applikata rata għal kull siegħa, differenti.

  — In-numru ta' impjegati attivi huwa irrilevanti għan-numru ta' siti individwali li huma koperti mill-approvazzjoni, jinkludi s-sottokuntratturi, u għandu jkun ipprovdut mill-Applikant.

  — Staff amministrattiv fl-organizzazzjoni li titfa' l-applikazzjoni mhux ser jitqies fil-kalkolu tal-valur ta' l-attivitajiet.

  — Staff amministrattiv u tekniku (skond l-attività) tas-sottokuntratturi mhux ser jitqies fil-kalkolu tal-valur ta' l-attivitajiet ta' l-applikant, jekk is-sottokuntrattur diġà jkun ingħata l-approvazzjoni diretta tiegħu.

  — Applikanti u detenturi ta' approvazzjonijiet ta' l-Aġenzija huma meħtieġa jressqu ċertifikat iffirmat minn uffiċjal awtorizzat ta' l-organizzazzjoni kkonċernata sabiex l-Aġenzija tiddetermina l-kategorija ta' miżati korrispondenti.

i. **Ċertifikati tat-Tip u Ċertifikati tat-Tip Ristretti jew l-ekwivalenti tagħhom (imsemmija fis-subpartijiet B u O ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 tal-Kummissjoni [1])**

— L-applikazzjonijiet kollha jikkorrispondu mal-miżata fissa A li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-prodott in kwistjoni.

— Prodotti elenkati fil-kaxxi l-griżi jikkorrispondu wkoll ma' miżata għal kull siegħa ta' xogħol ta' l-aġenti ta' l-EASA, bir-rata indikata fit-tabella.

— Bidliet derivattivi u sinjifikanti kif deskritti f'Parti 21 Subparti D ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 (b'mod partikolari l-paragrafu 21A.101) li jinvolvu bidliet lill-ġeometrija ta' l-ajruplan u/jew lis-sors ta' l-enerġija huma koperti minn din it-tabella.

miżata fissa A	€ 21 000	
rata ta' kull siegħa	€ 99	

Tip tal-prodott	Kummenti	Koeffiċjent tal-miżata fissa
CS-25	ajruplani kbar	8
— CS-25(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	4
CS-23.A	ajruplani ddefiniti f'CS-23 l-artikolu 1.a.2 (ajruplani għall-passiġġieri)	6
— CS-23.A(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	3
CS-23.B	ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' bejn 2 000 kg u 5 670 kg	0,5
— CS-23.B(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,25
CS-29	ajruplani kbar bl-iskrejjen	5
— CS-29(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	2,5
CS-27	ajruplani żgħar bl-iskrejjen	0,8
— CS-27(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,4
CS-E.T.A	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' 25 000 N jew aktar jew ta' saħħa (power output) ta' 2 000 kW jew aktar	5,25
— CS-E.T.A(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	1,55
CS-E.T.B	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' 25 000 N jew anqas jew ta' saħħa (power output) ta' 2 000 kW jew anqas	2
— CS-E.T.B(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,55
CS-E.NT	magni mingħajr turbina	0,1
— CS-E.NT(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,03
CS-23.C	ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' anqas minn 2 000 kg	0,2
— CS-23.C(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,1
CS-22	ajruplani bil-qlugħ bi jew mingħajr magni	0,2
CS-VLA	ajruplani żgħar ħafna	0,2

[1] Ir-regolament (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistipula regoli ta' implimentazzjoni għan-navigabilità ta' l-ajru u ċ-ċertifikazzjoni ambjentali ta' ajruplani u prodotti, parts u tagħmir relatat, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' diżinn u ta' produzzjoni (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6).

Tip tal-prodott	Kummenti	Koeffiċjent tal-miżata fissa
CS-VLR	ajruplani żgħar ħafna bl-iskrejjen	0,25
CS-APU	ġeneratur indipendenti tal-kurrent	0,15
CS-P.A	għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-25 (jew ekwivalenti)	0,2
— CS-P.A(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,1
CS-P.B	għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-23, CS-VLA jew CS-22 (jew ekwivalenti)	0,05
— CS-P.B(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,025
CS-22.J	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-22	0,04
— CS-22.J(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,02
CS-22.H	magni mingħajr turbina	0,07
CS-22.H(D)	— derivattivi u bidliet sinjifikanti tagħhom	0,05
CS-balloons	mhux disponibbli għal issa	0,1
CS-airships	mhux disponibbli għal issa	0,5
CS-34	l-ebda tariffa fissa meta inkluża b'TC inizjali — sieħat żejda biss kif meħtieġ	
CS-36	l-ebda tariffa fissa meta inkluża b'TC inizjali — sieħat żejda biss kif meħtieġ	
CS-AWO	Attività ta' wara TC, ċertifikazzjoni għal AWO trattata bħala bidla għat-TC	

CS-ETSO.A	Valur ta' tagħmir 'il fuq minn € 20 000	0,045
CS-ETSO.B	Valur ta' tagħmir bejn € 2 000 u € 20 000	0,025
CS-ETSO.C	Valur ta' tagħmir inqas minn € 2 000	0,01

ii. **Ċertifikati Supplementari tat-Tip (imsemmija fis-subparti E ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)**

— L-applikazzjonijiet kollha jikkorrispondu mal-miżata fissa B li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-prodott in kwistjoni.

— Prodotti elenkati fil-kaxxi l-griżi jikkorrispondu wkoll ma' miżata għal kull sieħa ta' xogħol ta' l-aġenti ta' l-EASA, bir-rata indikata fit-tabella.

— Għal Ċertifikati Supplementari tat-Tip li jinvolvu bidliet lill-ġeometrija u/jew lill-ġeneratur tal-kurrent ta' ajruplan, il-miżata taċ-Ċertifikat tat-Tip u ċ-Ċertifikat tat-Tip Ristrett rispettivament kif iddefinita f'(i) hawn fuq ser tapplika.

miżata fissa B	€ 680	
rata ta' kull sieħa	€ 99	

Tip tal-prodott	Kummenti	Koeffiċjent tal-miżata fissa A
CS-25	ajruplani kbar	—
	sinjifikanti (livell 1)	5
	Livell 2	4

Tip tal-prodott	Kummenti	Koeffiċjent tal-miżata fissa A
CS-23.A	Ajruplani ddefiniti f'CS-23 l-artikolu 1.a.2 (ajruplani għall-passiġġieri)	—
	sinjifikanti (livell 1)	5
	livell 2	4
CS-23.B	Ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' bejn 2 000 kg u 5 670 kg	—
	sinjifikanti (livell 1)	3
	livell 2	2
CS-29	ajruplani kbar bl-iskrejjen	—
	sinjifikanti (livell 1)	4
	livell 2	4
CS-27	ajruplani żgħar bl-iskrejjen	0,5
CS-E.T.A	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' 25 000 N jew aktar jew ta' saħħa (power output) ta' 2 000 kW jew aktar	—
	sinjifikanti (livell 1)	1
	livell 2	1
CS-E.T.B	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' anqas minn 25 000 N jew ta' saħħa (power output) ta' anqas minn 2 000 kW	0,5
CS-E.NT	Magni mingħajr turbina	0,2
CS-23.C	Ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' anqas minn 2 000 kg	1
CS-22	ajruplani bil-qlugħ bi jew mingħajr magni	0,2
CS-VLA	ajruplani żgħar ħafna	0,2
CS-VLR	ajruplani żgħar ħafna bl-iskrejjen	0,2
CS-APU	ġeneratur indipendenti tal-kurrent	0,25
CS-P.A	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-25 (jew ekwivalenti)	0,25
CS-P.B	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-23, CS-VLA jew CS-22 (jew ekwivalenti)	0,15
CS-22.J	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-22	0,15
CS-22.H	magni mingħajr turbina	0,15
CS-balloons	mhux disponibbli għal issa	0,2
CS-airships	mhux disponibbli għal issa	0,5

iii. **Bidliet u Tiswijiet kbar (imsemmija fis-subpartijiet D u M ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)**

— L-applikazzjonijiet kollha jikkorrispondu mal-miżata fissa C li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-prodott in kwistjoni.

— Prodotti elenkati fil-kaxxi l-griżi jikkorrispondu wkoll ma' miżata għal kull siegħa ta' xogħol ta' l-aġenti ta' l-EASA, bir-rata indikata fit-tabella.

— Bidliet sinjifikanti kif deskritti f'Parti 21 Subparti D ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 (b'mod partikolari l-paragrafu 21A.101) li jinvolvu bidliet lill-ġeometrija ta' l-ajruplan u/jew lis-sors ta' l-enerġija jikkorrispondu għal miżata għaċ-Ċertifikat tat-Tip jew tat-Tip Ristrett rispettivament, kif iddefinit fit-tabelli (i) hawn fuq.

— Il-miżati elenkati f'din it-tabella ma japplikawx għal dawk il-bidliet kbar li jsiru minn organizzazzjonijiet ta' diżinn skond il-paragrafu 21A.263 (c) (5) ta' Parti 21(D) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.

miżata fissa C	€ 385	
rata ta' kull siegħa	€ 99	

Tip tal-prodott	Kummenti	Koeffiċjent tal-miżata fissa A
CS-25	ajruplani kbar — "b'investigazzjoni teknika estensiva"	5
	ajruplani kbar — "b'investigazzjoni teknika limitata"	4
CS-23.A	Ajruplani ddefiniti f'CS-23 l-artikolu 1.a.2 (ajruplani għall-passiġġieri)	5
CS-23.B	Ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' bejn 2 000 kg u 5 670 kg	3
CS-29	ajruplani kbar bl-iskrejjen	4
CS-27	ajruplani żgħar bl-iskrejjen	0,5
CS-E.T.A	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' 25 000 N jew aktar jew ta' saħħa (power output) ta' 2 000 kW jew aktar	1
CS-E.T.B	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' anqas minn 25 000 N jew ta' saħħa (power output) ta' anqas minn 2 000 kW	0,5
CS-E.NT	magni mingħajr turbina	0,2
CS-23.C	Ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' anqas minn 2 000 kg	1
CS-22	ajruplani bil-qlugħ bi jew mingħajr magni	0,3
CS-VLA	ajruplani żgħar ħafna	0,3
CS-VLR	ajruplani żgħar ħafna bl-iskrejjen	0,3
CS-APU	ġeneratur indipendenti tal-kurrent	0,4
CS-P.A	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-25 (jew ekwivalenti)	0,4
CS-P.B	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-23, CS-VLA jew CS-22 (jew ekwivalenti)	0,3
CS-22.J	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-22	0,3
CS-22.H	magni mingħajr turbina	0,3
CS-balloons	mhux disponibbli għal issa	0,3
CS-airships	mhux disponibbli għal issa	0,5
CS-ETSO.A	Valur ta' tagħmir 'il fuq minn € 20 000	0,4
CS-ETSO.B	Valur ta' tagħmir bejn € 2 000 u € 20 000	0,3
CS-ETSO.C	Valur ta' tagħmir inqas minn € 2 000	0,25

iv. **Bidliet u Tiswijiet żgħar (imsemmija fis-subpartijiet D u M ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)**

— L-applikazzjonijiet jikkorrispondu mal-miżata fissa D li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-prodott in kwistjoni.

— Il-miżati elenkati f'din it-tabella ma japplikawx għal dawk il-bidliet żgħar li jsiru minn organizzazzjonijiet ta' dižinn skond il-paragrafu 21A.263 (c) (2) ta' Parti 21(D) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.

miżata fissa D	€ 375	

Tip tal-prodott	Kummenti	Koeffiċjent tal-miżata fissa A
CS-25	ajruplani kbar	2
CS-23.A	Ajruplani ddefiniti f'CS-23 l-artikolu 1.a.2 (ajruplani għall-passiġġieri)	2
CS-23.B	Ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' bejn 2 000 kg u 5 670 kg	1
CS-23.C	Ajruplani ddefiniti f' CS-23 l-artikolu 1.a.1 ta' MTOW ta' anqas minn 2 000 kg	0
CS-22	ajruplani bil-qlugħ bi jew mingħajr magni	0
CS-VLA	ajruplani żgħar ħafna	0
CS-29	ajruplani kbar bl-iskrejjen	2
CS-27	ajruplani żgħar bl-iskrejjen	1,5
CS-VLR	ajruplani żgħar ħafna bl-iskrejjen	0
CS-APU	ġeneratur indipendenti tal-kurrent	1
CS-P.A	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-25 (jew ekwivalenti)	0
CS-P.B	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-23, CS-VLA jew CS-22 (jew ekwivalenti)	0
CS-22.J	Għall-użu fuq ajruplani ċċertifikati għal CS-22	0
CS-E.T.A	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' 25 000 N jew aktar jew ta' saħħa (power output) ta' 2 000 kW jew aktar	1
CS-E.T.B	magni b'turbina bi mbuttatura tat-tluq mill-art ta' anqas minn 25 000 N jew ta' saħħa (power output) ta' anqas minn 2 000 kW	1
CS-E.NT/CS-22H	il-magni kollha mingħajr turbina	0
CS-balloons	mhux disponibbli għal issa	0
CS-airships	mhux disponibbli għal issa	0

CS-ETSO.A	Valur ta' tagħmir 'il fuq minn € 20 000	0
CS-ETSO.B	Valur ta' tagħmir bejn € 2 000 u € 20 000	0
CS-ETSO.C	Valur ta' tagħmir inqas minn € 2 000	0

v. **Miżata annwali għal min għandu Ċertifikat tat-Tip IASA u tat-Tip Ristretti Ċertifikati oħra tat-TIP li huma meqjusa bħala aċċettabbli taħt ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002**

— Il-miżata annwali tiġi imposta fuq kull min għandu Ċertifikati tat-Tip ta' l-Aġenzija u Ċertifikati tat-Tip Ristretti.

— Din il-miżata hija maħsuba biex tkopri n-nefqa ta' l-Aġenzija sabiex tiżgura li ċ-ċertifikati tat-tip tagħha jibqgħu jiswew, inklużi aspetti ta' tkomplija tan-navigabilità bl-ajru mhux marbuta ma' bidliet u tiswijiet iċċertifikati post-type.

— Din il-miżata ser tiġi imposta kull sena. Ser tiġi imposta l-ewwel darba fil-bidu tas-sena kalendarja wara l-ewwel ċertifikazzjoni għal dawk il-prodotti ċċertifikati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għal ċertifikati oħra l-miżata ser tiġi applikata l-ewwel darba meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament u darba kull sena wara dan.

— Il-livell tal-miżata li għandha titħallas jidher fit-tabella hawn taħt flimkien mal-kategorija tal-prodott korrispondenti:

Tip tal-prodott [1]	Ċertifikat tat-Tip Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' l-UE (€)	Ċertifikat tat-Tip Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' pajjiżi terzi (€)	Ċertifikat tat-Tip Ristrett Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' l-UE (€)	Ċertifikat tat-Tip Ristrett Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' pajjiżi terzi (€)
CS-25 (ajruplani kbar b'MTOW ta' aktar minn 50 tunnellata)	120 000	40 000	30 000	10 000
CS-25 (ajruplani kbar b'MTOW ta' bejn 22 u 50 tunnellata)	50 000	16 667	12 500	4 167
CS-25 (ajruplani kbar b'MTOW ta' anqas minn 22 tunnellata)	25 000	8 333	6 250	2 083
CS-23.A	12 000	4 000	3 000	1 000
CS-23.B	2 000	667	500	167
CS-23.C	1 000	333	250	100
CS-22	450	150	112,50	100
CS-VLA	450	150	112,50	100
CS-29	25 000	8 333	6 250	2 083
CS-27	20 000	6 667	5 000	1 667
CS-VLR	1 000	333	250	100
CS-APU	800	267	200	100
CS-P.A	1 500	500	375	125
CS-P.B	400	133	100	100
CS-22.J	150	100	100	100
CS-E.T.A	30 000	10 000	7 500	2 500
CS-E.T.B	15 000	5 000	3 750	1 250
CS-E.NT	1 000	333	250	100
CS-22.H	200	100	100	100
CS-balloons	300	100	100	100
CS-airships	500	167	125	100
CS-34	0	0	0	0
CS-36	0	0	0	0
CS-AWO	0	0	0	0
CS-ETSO.A (Valur ta' tagħmir 'il fuq minn € 20 000)	1 000	333	250	100

Tip tal-prodott (1)	Ċertifikat tat-Tip Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' l-UE (€)	Ċertifikat tat-Tip Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' pajjiżi terzi (€)	Ċertifikat tat-Tip Ristrett Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' l-UE (€)	Ċertifikat tat-Tip Ristrett Prodotti ta' l-Istat tad-Diżinn ta' pajjiżi terzi (€)
CS-ETSO.B (Valur ta' tagħmir bejn € 2 000 u € 20 000)	500	167	125	100
CS-ETSO.C (Valur ta' tagħmir anqas minn € 2 000)	250	100	100	100

(1) Għal verżjonijiet tal-ġarr tal-merkanzija ta' l-ajruplan, koeffiċjent ta' 0,85 għandu jkun applikat għall-miżata għall-verżjoni ekwivalenti tal-passiġġieri.

— Għal detenturi ta' Ċertifikati tat-Tip multipli u/jew Ċertifikati tat-Tip Ristretti multipli, tnaqqis tal-miżata annwali hija applikata għat-tieni Ċertifikat tat-Tip u dawk sussegwenti fl-istess kategorija ta' prodott kif jidher fit-tabella hawn taħt:

Prodott fil-kategorija identika	Tnaqqis applikat għall-miżata TC
L-ewwel	0 %
It-tieni	10 %
It-tielet	20 %
Ir-raba'	30 %
Il-ħames	40 %
Is-sitt	50 %
Is-seba'	60 %
It-tmien	70 %
Id-disa'	80 %
L-għaxar	90 %
Il-ħdax-il wieħed u prodotti sussegwenti	100 %

— Għal ajruplani li minnhom hemm inqas minn 50 eżemplar irreġistrat mad-dinja kollha, tkomplija tan-navigabilità bl-ajru ser tkun applikata fuq rata ta' kull siegħa, sal-livell tal-miżata għall-kategorija rilevanti tal-prodott ta' l-ajruplani kif indikat fit-tabella hawn taħt. Għal prodotti, parts u tagħmir li m'humiex ajruplani, il-limitazzjoni tirrigwarda n-numru ta' ajruplani li fuqhom il-prodott, part jew tagħmir in kwistjoni huwa installat.

Rata ta' kull siegħa	€ 99

vi. **Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tad-Diżinn (imsemmija fis-subparti J ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)**

1. *Ġenerali*

a) Miżati huma imposti għall-ħruġ ta' Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tad-Diżinn u għas-sorveljanza tagħha.

b) L-Aġenzija timponi miżati addizzjonali għal kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) sabiex tkopri l-ispejjeż addizzjonali ta' l-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet b'faċilitajiet ta' diżinn f'aktar minn post wieħed.

2. *Miżata ta' l-applikazzjoni*

a) L-applikazzjonijiet ġodda kollha għall-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tad-Diżinn jikkorrispondu mal-miżata fissa E li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Għal approvazzjonijiet ġodda u għas-sorveljanza, miżati ta' kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) japplikaw ukoll għal dawk l-applikazzjonijiet li l-investigazzjoni tagħhom twassal għal sejbiet ta' livell 1 u/jew aktar minn tliet sejbiet ta' livell 2 fis-sena kif deskritt f' Parti 21.A.258 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003. Ir-rata ta' kull siegħa ser tkun imposta sabiex tkopri n-nefqa ta' l-azzjoni ta' segwitu ta' dawn is-sejbiet mill-Aġenzija.

3. *Miżata ta' sorveljanza*

a) Ser tkun imposta miżata għas-sorveljanza fuq Organizzazzjonijiet ta' l-Approvazzjoni tad-Diżinn, ekwivalenti għall-miżata fissa E li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Il-miżata ta' sorveljanza titħallas kull tliet snin, fil-forma ta' tliet ħlasijiet indaqs kull sena. Għal approvazzjonijiet eżistenti, l-ewwel ħlas għandu jsir wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti. Għal approvazzjonijiet sussegwenti, l-ewwel ħlas ser ikun applikabbli mill-ewwel wara l-għotja ta' l-approvazzjoni

c) Il-miżata tas-sorveljanza tkopri bidliet għal approvazzjonijiet eżistenti, mingħajr preġudizzju għal 2b) hawn fuq.

miżata fissa E	€ 12 000
rata ta' kull siegħa	€ 99

kategorija tal-miżata skond il-valur ta' l-attivitajiet soġġetti għall-approvazzjoni (€)	koeffiċjent tal-miżata fissa
inqas minn 500 001	0,1
bejn 500 001 u 700 000	0,2
bejn 700 001 u 1 200 000	0,5
bejn 1 200 001 u 2 800 000	1
bejn 2 800 001 u 4 200 000	1,5
bejn 4 200 001 u 5 000 000	2,5
bejn 5 000 001 u 7 000 000	3
bejn 7 000 001 u 9 800 000	3,5
bejn 9 800 001 u 14 000 000	4
bejn 14 000 001 u 50 000 000	5
bejn 50 000 001 u 140 000 000	8
bejn 140 000 001 u 250 000 000	10
bejn 250 000 001 u 500 000 000	25
bejn 500 000 001 u 750 000 000	50
'il-fuq minn 750 000 000	75

vii. **Wirja ta' kapaċità għad-diżinjar permezz ta' proċeduri alternattivi msemmija fis-subparti B paragrafu 21.A.14 (b) ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)**

— Ċertifikazzjoni ta' kapaċità tad-diżinjar permezz ta' proċeduri alternattivi ser jikkorrispondu ma' miżati fuq bażi ta' kull siegħa bir-rata indikata.

rata ta' kull siegħa	€ 99

viii. **Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni (imsemmija fis-subparti G ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)**

1. *Ġenerali*

a) Miżati huma imposti għall-ħruġ ta' Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni u għas-sorveljanza tagħha.

b) L-Aġenzija tapplika miżati addizzjonali għal kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) sabiex tkopri l-ispejjeż addizzjonali ta' l-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet b'faċilitajiet ta' produzzjoni f'aktar minn post wieħed. Għal organizzazzjonijiet kumplessi b'aktar minn sit ta' produzzjoni wieħed f'aktar minn żewġ Stati Membri, il-koeffiċjenti rilevanti ser ikun immoltiplikat bi tnejn sabiex ikopri l-ispejjeż addizzjonali ta' attivitajiet multinazzjonali ta' sorveljanza.

2. *Miżata ta' l-applikazzjoni*

a) L-applikazzjonijiet ġodda kollha għall-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-produzzjoni jikkorrispondu mal-miżata fissa F li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Għal approvazzjonijiet ġodda u għas-sorveljanza, miżati ta' kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) japplikaw ukoll għal dawk l-applikazzjonijiet li l-investigazzjoni tagħhom twassal għal sejbiet ta' livell 1 u/jew aktar minn tliet sejbiet ta' livell 2 fis-sena kif deskritt f' Parti 21.A.158 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003. Ir-rata ta' kull siegħa ser tkun applikata sabiex tkopri n-nefqa ta' l-azzjoni ta' segwitu ta' dawn is-sejbiet mill-Aġenzija.

3. *Miżata ta' sorveljanza*

a) Ser tkun imposta miżata ta' sorveljanza fuq Organizzazzjonijiet ta' l-Approvazzjoni tal-Produzzjoni, ekwivalenti għall-miżata fissa F li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Il-miżata ta' sorveljanza titħallas kull sentejn, fil-forma ta' żewġ ħlasijiet indaqs kull sena. Għal approvazzjonijiet eżistenti, l-ewwel ħlas għandu jsir wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti. Għal approvazzjonijiet sussegwenti, l-ewwel ħlas ser ikun applikabbli mill-ewwel wara l-għotja ta' l-approvazzjoni

c) Il-miżata tas-sorveljanza tkopri bidliet għal approvazzjonijiet eżistenti, minħajr preġudizzju għal 2b) hawn fuq.

Miżata fissa F	€ 12 000
rata ta' kull siegħa	€ 99

Kategorija tal-miżata skond il-valur ta' l-attivitajiet suġġetti għall-approvazzjoni (€)	koeffiċjent tal-miżata fissa
inqas minn 500 001	0,1
bejn 500 001 u 700 000	0,25

Kategorija tal-miżata skond il-valur ta' l-attivitajiet suġġetti għall-approvazzjoni (€)	koeffiċjent tal-miżata fissa
bejn 700 001 u 1 400 000	0,5
bejn 1 400 001 u 2 800 000	1,25
bejn 2 800 001 u 5 000 000	2
bejn 5 000 001 u 7 000 000	4
bejn 7 000 001 u 14 000 000	6
bejn 14 000 001 u 21 000 000	8
bejn 21 000 001 u 42 000 000	12
bejn 42 000 001 u 70 000 000	16
bejn 70 000 001 u 84 000 000	20
bejn 84 000 001 u 105 000 000	25
bejn 105 000 001 u 140 000 000	30
bejn 140 000 001 u 420 000 000	40
bejn 420 000 001 u 700 000 000	55
bejn 700 000 001 u 1 400 000 000	65
bejn 1 400 000 001 u 2 100 000 000	75
'il-fuq minn 2 100 000 000	120

ix. **Produzzjoni mingħajr approvazzjoni (imsemmija fis-subparti F ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)**

— Ċertifikazzjoni ta' prodott mingħajr approvazzjoni ser tikkorrispondi ma' miżati fuq bażi ta' kull siegħa bir-rata indikata.

rata ta' kull siegħa	€ 99

x. **Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni (imsemmija fis-subparti F ta' l-Anness I u l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 tal-Kummissjoni [1])**

1. *Ġenerali*

a) Miżati huma imposti għall-ħruġ ta' Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni u għas-sorveljanza tagħha.

b) L-Aġenzija tapplika miżati addizzjonali għal kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) sabiex tkopri l-ispejjeż addizzjonali ta' l-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet b'faċilitajiet ta' manutenzjoni f'aktar minn post wieħed.

2. *Miżata ta' l-applikazzjoni*

a) L-applikazzjonijiet ġodda kollha għall-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni jikkorrispondu mal-miżata fissa G li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Għal approvazzjonijiet ġodda u għas-sorveljanza, miżati ta' kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) japplikaw ukoll għal dawk l-applikazzjonijiet li l-investigazzjoni tagħhom twassal għal sejbiet ta' livell 1 u/jew aktar minn tliet sejbiet ta' livell 2 fis-sena kif deskritt f' Parti M.A.619 ta' l-Anness I jew Parti 145.B.50 ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 Ir-rata ta' kull siegħa ser tkun applikata sabiex tkopri n-nefqa ta' l-azzjoni ta' segwitu ta' dawn is-sejbiet mill-Aġenzija.

[1] Regolament (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar it-tkomplija tan-navigabilità ta' l-ajru ta' ajruplani u prodotti, parts u tagħmir aeronawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u impjegati involuti f'dawn il-responsabbiltajiet; (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1).

3. *Miżata ta' sorveljanza*

a) Ser tkun imposta miżata ta' sorveljanza fuq Organizzazzjonijiet ta' l-Approvazzjoni tal-Manutenzjoni, ekwivalenti għall-miżata fissa G li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Il-miżata ta' sorveljanza titħallas kull sentejn, fil-forma ta' żewġ ħlasijiet indaqs kull sena. Għal approvazzjonijiet eżistenti, l-ewwel ħlas għandu jsir wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti. Għal approvazzjonijiet sussegwenti, l-ewwel ħlas ser ikun applikabbli mill-ewwel wara l-għotja ta' l-approvazzjoni

c) Il-miżata tas-sorveljanza tkopri bidliet għal approvazzjonijiet eżistenti, mingħajr preġudizzju għal 2b) hawn fuq.

Miżata fissa G	€ 12 000
rata ta' kull siegħa	€ 99

Kategorija tal-miżata skond il-valur ta' l-attivitajiet suġġetti għall-approvazzjoni (€)	koeffiċjent tal-miżata fissa
inqas minn 500 001	0,1
bejn 500 001 u 700 000	0,25
bejn 700 001 u 1 400 000	0,5
bejn 1 400 001 u 2 800 000	1,25
bejn 2 800 001 u 5 000 000	2
bejn 5 000 001 u 7 000 000	4
bejn 7 000 001 u 14 000 000	6
bejn 14 000 001 u 21 000 000	8
bejn 21 000 001 u 42 000 000	12
bejn 42 000 001 u 70 000 000	16
bejn 70 000 001 u 84 000 000	20
bejn 84 000 001 u 105 000 000	25
'il-fuq minn 105 000 000	30

xi. **Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tat-Tkomplija tan-Navigabilità ta' l-Ajru (imsemmija f'Parti M, is-subparti G ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003)**

— Miżati huma imposti għall-ħruġ ta' Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tat-Tkomplija tan-Navigabilità ta' l-Ajru u għas-sorveljanza tagħha. Il-miżati fissi imposti huma l-istess bħal dawk għal Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni elenkati fit-tabella x, soġġetti għall-imposta ta' koeffiċjent addizzjonali ta' 1,5.

— Referenzi għal sejbiet li jinsabu fit-tabella x sejrin, b'analoġija jittieħdu li jfissru dawk deskritti f'Parti M.A. 716 ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.

xii. **Miżati għall-aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet ekwivalenti għal approvazzjonijiet tal-Parti 145 skond l-atti ta' ftehim bilaterali**

— Approvazzjonijiet ġodda jikkorrispondu għall-miżata fissa H li tidher fit-tabella

— Il-miżata għat-tiġdid, ekwivalenti għall-miżata fissa I li tidher fit-tabella titħallas kull sentejn.

Approvazzjonijiet ġodda

Miżata fissa H	1 500 €

Tiġdid ta' approvazzjonijiet eżistenti

Miżata fissa I	1 200 €

xiii. **Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għat-Taħriġ fil-Manutenzjoni (imsemmija fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003)**

1. *Ġenerali*

a) Miżati huma imposti għall-ħruġ ta' Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għat-Taħriġ fil-Manutenzjoni u għas-sorveljanza tagħha.

b) L-Aġenzija tapplika miżati addizzjonali għal kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) sabiex tkopri l-ispejjeż addizzjonali ta' l-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet b'faċilitajiet ta' taħriġ fil-manutenzjoni f'aktar minn post wieħed.

2. *Miżata ta' l-applikazzjoni*

a) L-applikazzjonijiet ġodda kollha għall-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tat-taħriġ fil-Manutenzjoni jikkorrispondu mal-miżata fissa J li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Għal approvazzjonijiet ġodda u għas-sorveljanza, miżati ta' kull siegħa (bir-rata indikata fit-tabella) japplikaw ukoll għal dawk l-applikazzjonijiet li l-investigazzjoni tagħhom twassal għal sejbiet ta' livell 1 u/jew aktar minn tliet sejbiet ta' livell 2 fis-sena kif deskritt f' Parti 147.b.130 ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003. Ir-rata ta' kull siegħa ser tkun applikata sabiex tkopri n-nefqa ta' l-azzjoni ta' segwitu ta' dawn is-sejbiet mill-Aġenzija.

3. *Miżata ta' sorveljanza*

a) Ser tkun applikata l-miżata ta' sorveljanza fuq Organizzazzjonijiet Approvati tat-Taħriġ fil-Manutenzjoni, ekwivalenti għalll-miżata fissa J, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-organizzazzjoni in kwistjoni.

b) Il-miżata ta' sorveljanza titħallas kull sentejn, fil-forma ta' żewġ ħlasijiet indaqs kull sena. Għal approvazzjonijiet eżistenti, l-ewwel ħlas għandu jsir wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti. Għal approvazzjonijiet sussegwenti, l-ewwel ħlas ser ikun applikabbli mill-ewwel wara l-għotja ta' l-approvazzjoni

c) Il-miżata tas-sorveljanza tkopri bidliet għal approvazzjonijiet eżistenti, mingħajr preġudizzju għal 2b) hawn fuq.

Miżata fissa J	€ 12 000
rata ta' kull siegħa	€ 99

Kategorija tal-miżata — valur ta' l-attivitajiet suġġetti għall-approvazzjoni (€)	koeffiċjent tal-miżata fissa
inqas minn 500 001	0,1
bejn 500 001 u 700 000	0,25
bejn 700 001 u 1 400 000	0,75
bejn 1 400 001 u 2 800 000	1
bejn 2 800 001 u 5 000 000	1,5
bejn 5 000 001 u 7 000 000	3
bejn 7 000 001 u 14 000 000	6
bejn 14 000 001 u 21 000 000	8
bejn 21 000 001 u 42 000 000	10
Bejn 42 000 001 u 84 000 000	15
'Il-fuq minn 84 000 000	20

xiv. **Appelli**

— Miżati huma imposti għall-amministrazzjoni ta' appelli kif deskritt fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002

— L-applikazzjonijiet kollha għall-appell jikkorrispondu mal-miżata fissa K li tidher fit-tabella, immoltiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' miżati korrispondenti għall-persuna jew organizzazzjoni in kwistjoni.

— Il-miżata se tkun tkun mogħtija lura f'dawk il-każijiet fejn appell jirriżulta f'revoka tad-Deċiżjoni ta' l-Aġenzija.

— Organizzazzjonijiet huma meħtieġa jressqu ċertifikat iffirmat minn uffiċjal awtorizzat ta' l-organizzazzjoni kkonċernata sabiex l-Aġenzija tiddetermina l-kategorija ta' tariffi korrispondenti.

miżata fissa K	€ 10 000

kategorija tal-miżata għal persuni naturali	koeffiċjent tal-miżata fissa
	0,1

kategorija tal-miżata għal organizzazzjonijiet skond id-dħul finanzjarju ta' l-appellant (€)	koeffiċjent tal-miżata fissa
inqas minn 100 001	0,25
bejn 100 001 u 1 200 000	0,5
bejn 1 200 001 u 2 500 000	0,75
bejn 2 500 001 u 5 000 000	1
bejn 5 000 001 u 50 000 000	2,5
bejn 50 000 001 u 500 000 000	5
bejn 500 000 001 u 1 000 000 000	7,5
'il-fuq minn 1 000 000 000	10